ħafna suġġetti u persunaġġi ta' xjenza, arti u storja. Insemmu wieħed biss: l-awtur igħidilna li Patri Pawl minn Bormla kien lingwista magħruf u kien jitkellem bl-ilsien Għarbi kif ukoll bil-Grieg. Ta' min ifittex jekk Patri Pawl ħalliex xi kitba jew manuskritti b'dawk il-lingwi.

Il-ktieb jogħġobna u qrajnieh b'dehwa kbira mill-bidu sa l-aħħar. Xtaqna li l-awtur flieh sewwa qabel tah għall-istampa għax hemm xi lapsus li seta' jiġi evitat, per eżempju fil-paġna 113 hemm miktub li fl-1836 Patri Pietru Pawl, l-ewwel Provinċjal, kellu 38 sena meta ftit qabel konna qrajna li dak il-Patri kien twieled fl-1781. Lapsus ieħor hu n-nuqqas tad-data tal-mewt ta' Fra Krispin, wieħed mill-Kappuċċini l-aktar magħrufa. L-ortografija wkoll hu ta' min jorqomha. Dawn huma rqaqat li ma jnaqqsux mis-siwi tal-ktieb bħala opra storika bijografika u li jistgħu jiġu korretti f'edizzjoni oħra. Mill-bqija l-ktieb għoġobna ħafna u aħna nirrikkmandawh bil-qalb kollha lill-qarrejja. G.

Irċevejna l-perjodiku **"LEHEN L-ART IMQADDSA"**. Qari li joħroġ kull tliet xhur mill-Kummissarjat tal-Qabar ta' Kristu f'Malta. Hadna pjaċir naqrawh għax imżewwaq tajjeb; fih aħbarijiet fuq l-Art Imqaddsa, fih artikoli istruttivi u bijografiċi u storiċi. Dan hu perjodiku mhux biss ta' mogħdija taż-żmien iżda ta' fejda kbira u jmissu jinqara mill-Maltin kollha.

Aħna nafu d-devozzjoni kbira li hawn f'pajjiżna lejn il-Qabar ta' Kristu u nafu wkoll il-ħidma tal-Patrijiet Franġiskani b'riżq il-Qabar. Għalhekk dan il-perjodiku hu ta' ħtieġa għalihom. Hu għandu jingħoġob minn kulħadd mhux biss għax id-Direttur tiegħu, Patri Nikola Magro, O.F.M. Kummissarju tat-Terra Santa hu magħruf għall-ħeġġa u għall-għerf tiegħu, iżda wkoll għax il-perjodiku hu minnu nnifsu sabiħ, stampat tajjeb, iħabbatha ma' xogħlijiet stampati barra minn Malta.

## ĠAWHAR TA' ĦSIBIJIET

L-imħabba vera u ta' bla patt hija l-isbaħ teżor li hawn fiddinja.

Bl-istess użin li tiżen lil ħaddieħor jiżnu lilek.

Li kieku kellu jintgħamel kull ħsieb li jgħaddi minn moħħ il-bnedmin, id-dinja ssib ruħha fl-akbar taħwid.

Is-*snien* jitbiddlu, imma s-*snin* ma jitbiddlux.